# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tal-10 ta' Lulju 2012

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall

(2012/409/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 3(9) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2011/344/UE [2], il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), għamlet ir-raba' analiżi tal-progress tal-awtoritajiet Portugiżi fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma taħt il-programm ta' aġġustament ekonomiku u finanzjarju (il-Programm) kif ukoll tal-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom.

(2) Fl-analiżi nstab li l-konformità tal-Portugall mal-kundizzjonalità għall-ewwel tliet xhur tal-2012 kienet sodisfaċenti. Fl-2011, id-defiċit tal-gvern ġenerali kien 4,2 % tal-PDG. Il-mira fiskali ta' 4,5 % tal-PDG għall-2012 baqgħet vijabbli. L-ibbilanċjar mill-ġdid tal-ekonomija kompla b'pass mgħaġġel u l-esportazzjonijiet qabżu l-aspettattivi u kkumpensaw għad-domanda domestika aktar dgħajfa u iżjed. Madankollu, ir-riskji għall-miri fiskali relatati mar-ribilanċjar tal-perspettiva makroekonomika bdew jimmaterjalizzaw, bil-kompożizzjoni tat-tkabbir ixxeqleb bil-qawwi lejn l-esportazzjonijiet netti u lil hinn mid-domanda domestika u minħabba d-deterjorazzjoni sostanzjali fis-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol. Sar progress bir-riformi sabiex jiżdied il-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomija fuq perijodu twil ta' żmien. Diġà saret leġislazzjoni għal riforma tas-suq tax-xogħol li timmira lejn it-tneħħija ta' riġiditajiet u t-titjib tal-produttività, u din ir-riforma teħtieġ li tkun sostnuta. Il-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg għandhom jiġu allinjati mal-medja tal-Unjoni u għandu jinħoloq fond biex jiffinanzja parti mill-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg. Qed titħejja proposta biex jiġi rivedut il-mekkaniżmu għall-estensjoni tal-ftehimiet kollettivi. Qegħdin jitkomplu l-isforzi tal-politika sabiex tkun appoġġata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Il-bejgħ tal-Banco Português de Negócios (BPN) ġie konkluż u l-immaniġġar tal-vetturi bi

skop speċjali għandu jiġi ottimizzat biex jiġi mmassimizzat l-irkupru tal-assi ttrasferiti mill-BPN. Id-deleveraging tas-settur finanzjarju qiegħed jevolvi b'mod dixxiplinat. Ir-rikapitalizzazzjoni tas-sistema bankarja ser jirnexxila tiżgura sa Ġunju 2012 proporzjon kapitali Core Tier 1 minimu ta' 9 %, filwaqt li tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti tal-Awtorità Bankarja Ewropea u l-ħtiġijiet kapitali relatati mat-trasferiment parzjali ta' fondi pensjonistiċi u ispezzjonijiet speċjali fuq il-post. Il-qafas ta' intervent bikri, riżoluzzjoni u assigurazzjoni tad-depożiti ġie msaħħaħ u l-awtoritajiet Portugiżi huma mitluba jippreparaw l-miżuri implimentattivi. Ir-riformi fis-suq tal-prodotti, partikolarment fis-servizzi protetti, huma essenzjali biex tiġi rrestawrata l-kompetittività u jkunu promossi t-tkabbir u l-impjiegi. Il-gvern Portugiż qed jimplimenta strateġija biex jirristruttura l-intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat (SOEs) sabiex inaqqas id-dejn tagħhom u jiżgura kundizzjonijiet aħjar għal finanzjament mis-suq. Qed jitħejja, minn kumpanija internazzjonali tal-awditjar, studju biex jiġu vvalutati l-kosti u l-benefiċċji tar-rinegozjar ta' kwalunkwe sħubija pubblika privata (PPP) jew ta' kuntratti ta' konċessjoni biex jitnaqqsu l-obbligi finanzjarji tal-gvern. Il-gvern Portugiż huwa impenjat li jiżgura reġim effettiv ta' infurzar ta' kompetizzjoni. Ir-regolamenti tas-suq tad-djar qed jiġu modernizzati bil-ħsieb li tiġi promossal-mobbiltà ġeografika u r-riforma tas-sistema ġudizzjarja qed tagħmel progress tajjeb. Il-programm ta' privatizzazzjoni qed jiġi implimentat skont il-liġi qafas il-ġdida.

(3) Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, jeħtieġ li tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Id-defiċit tal-gvern ġenerali ma għandux jaqbeż l-4,5 % tal-PDG fl-2012. Il-Portugall għandu jkompli jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi fiskali u jevalwa jekk humiex meħtieġa aġġustamenti ulterjuri ta' politika sabiex tinkiseb il-mira tal-2012.";

(b) il-punti (d), (e) u (f) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(d) Il-Portugall għandu jkompli jadotta miżuri biex isaħħaħ l-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi. Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri previsti fil-Liġi Qafas Baġitarja l-ġdida, inkluż l-istabbiliment ta' qafas baġitarju fuq terminu medju. L-oqfsa baġitarji lokali u reġjonali għandhom jissaħħu b'mod konsiderevoli, b'mod partikolari billi l-liġijiet finanzjarji rispettivi jiġu allinjati mar-rekwiżiti tal-Liġi Qafas

[1] ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.
[2] ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88.

Baġitarja. Il-Portugall għandu jżid ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-finanzi pubbliċi u jsaħħaħ ir-regoli u l-proċeduri tal-eżekuzzjoni baġitarja. Il-Gvern Portuġiż għandu jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-validazzjoni u s-saldu tal-arretrati. Dik l-istrateġija tistabbilixxi l-kriterji ta' prijoritizzazzjoni għall-ħlas tal-kredituri, kif ukoll arranġamenti ta' governanza sabiex ikun żgurat proċess ġust u trasparenti ta' saldu fis-setturi kollha. Il-Portugall għandu jimplimenta l-qafas legali u istituzzjonali l-ġdid tal-PPPs. Abbażi tar-riżultati ta' studju dwar ir-rinegozjar tal-PPPs, il-gvern Portuġiż għandu jirrinegozja l-kuntratti rilevanti. Il-Portugall għandu jadotta liġi li tirregola l-ħolqien u l-funzjonament tal-SOEs fil-livelli ċentrali, reġjonali u lokali.

(e) Il-Portugall għandu jirriorganizza u jnaqqas sinifikattivament l-għadd ta' entitajiet tal-gvern lokali. Dawn il-bidliet għandhom isiru effettivi sal-bidu taċ-ċiklu tal-elezzjonijiet lokali li jmiss.

(f) il-Portugall għandu jimmodernizza l-amministrazzjoni tal-introjti billi jlesti l-implimentazzjoni tal-Autoridade Tributária e Aduaneira, isaħħaħ ir-rabtiet mal-unitajiet tal-ġbir tad-dħul tas-Sigurtà Soċjali, u jnaqqas l-għadd ta' uffiċċji muniċipali u jindirizza l-ostakli li jifdal fis-sistema tal-appell tat-taxxa.";

(c) il-punti (h) u (i) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(h) Il-Portugall għandu jadotta miżuri biex itejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-SOEs fil-livelli ċentrali, reġjonali u lokali. Il-Portugall għandu jimplimenta strateġija biex jirristruttura u jnaqqas id-dejn tal-SOEs, inkluża Parpública, u biex jiżgura kundizzjonijiet aħjar għall-finanzjament mis-suq. Il-Portugall għandu jimplimenta din l-istrateġija sabiex jilħaq bilanċ operattiv fil-livell settorjali sal-aħħar tal-2012.

(i) Il-Portugall għandu jkompli jimplimenta l-programm ta' privatizzazzjoni. Il-bejgħ dirett tal-fergħa tal-assigurazzjoni ta' Caixa Geral de Depósitos (CGD), Caixa Seguros, għandu jseħħ fl-2012. Il-proċess ta' privatizzazzjoni tat-trasportatur bl-ajru nazzjonali TAP, l-operatur tal-ajruport ANA - Aeroportos de Portugal, tal-fergħa tal-merkanzija ta' CP — Comboios de Portugal, CP Carga, u ta' CTT — Correios de Portugal għandu jibda fl-2012 bil-ħsieb li jitlesta fl-2013.";

(d) il-punt (j) jitħassar;

(e) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) Il-gvern Portuġiż għandu jippreżenta abbozz ta' leġiżlazzjoni lill-Parlament Portuġiż sabiex jallinja l-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg mal-medja tal-Unjoni ta' 8-12-il jum għal kull sena xogħol u sabiex joħloq fond ta' kumpens għall-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg.";

(f) il-punt (l) jitħassar;

(g) il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(o) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tiegħu biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali u tat-taħriġ;";

(h) il-punti (p) u (r) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(p) Il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja għandu jittejjeb billi jiġu implimentati l-miżuri proposti taħt il-Pjan Direzzjonali tar-Riforma Ġudizzjarja u bl-applikazzjoni ta' miżuri mmirati biex progressivament jiġi eliminat ix-xogħol b'lura fil-qrati u biex jitrawmu riżoluzzjonijiet alternattivi ta' disputi.

(r) Il-qafas li jirrigwardja l-kompetizzjoni u r-regolamentazzjoni għandu jittejjeb. Il-Portugall għandu jsaħħaħ l-indipendenza u r-riżorsi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali prinċipali; jimplimenta l-Liġi dwar il-Kompetizzjoni bil-għan li jtejjeb il-veloċità u l-effikaċja tal-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni; u jimmonitorja l-influss ta' każijiet ġodda u jirapporta dwar il-funzjonament tal-qorti speċjalizzata għall-kompetizzjoni, regolamentazzjoni u superviżjoni.";

(i) il-punti (u) u (v) għandhom jitħassru.

(2) Il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Bil-għan li tiġi restawrata l-fiduċja fis-settur finanzjarju, il-Portugall għandu jirrikapitalizza b'mod adegwat is-settur bankarju tiegħu u jiżgura proċess ta' deleveraging b'mod ordinat. F'dak ir-rigward, il-Portugall għandu jimplimenta l-istrateġija għas-settur bankarju Portuġiż kif miftiehem mal-Kummissjoni, il-BĊE u l-IMF biex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja. B'mod partikolari, il-Portugall għandu:

(a) jagħti pariri lill-banek biex issaħħu l-istrutturi protettivi kollaterali tagħhom fuq bażi sostenibbli u jimmonitorjaw il-ħruġ tal-bonds tal-bank garantiti mill-gvern, li ġie awtorizzat sa EUR 35 biljun f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat;

(b) jiżgura li l-banek jilħqu l-mira tal-Programm tal-proporzjon Core Tier 1 ta' 10 % l-aktar tard sal-aħħar tal-2012. Ir-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tad-dejn sovran abbażi tal-prezzijiet tas-suq skont l-eżerċizzju ta' rikapitalizzazzjoni fl-Unjoni kollha kkoordinat mill-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom jintlaħqu f'Ġunju 2012 flimkien mal-implikazzjonijiet kapitali li jirriżultaw mill-programm speċjali ta' spezzjonijiet fuq il-post u t-trasferiment ta' fondi tal-pensjonijiet tal-banek fis-sistema ta' sigurtà soċjali tal-Istat. Jekk il-banek ma jkunux jistgħu jilħqu l-livelli limiti tal-kapital meħtieġ sal-iskadenzi stabbiliti, għandha ssir disponibbli l-faċilità ta' appoġġ għas-solvenza tal-banek li tammonta għal EUR 12-il biljun stabbilita taħt il-Programm;

(c) jiżgura develeraging ibbilanċjat u ordinat tas-settur bankarju, li jibqa' kruċjali għall-eliminazzjoni ta' żbilanċi fil-finanzjamenti fuq bażi permanenti. Il-pjanijiet ta' finanzjament tal-banek għandhom l-għan li jnaqqsu l-proporzjon tas-self għad-depożiti għal valur indikattiv ta' madwar 120 % sal-aħħar tal-Programm u potenzjalment li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-finanzjament mill-Eurosistema sakemm idum il-Programm. Dawk il-pjanijiet ta' finanzjament għandhom jiġu riveduti kull tliet xhur;

(d) jiżgura s-simplifikazzjoni ta' CGD, li hija proprjetà tal-Istat, sabiex tiżdied il-bażi kapitali tal-fergħa ewlenija bankarja tagħha kif meħtieġ. Il-bejgħ tal-fergħat tal-assigurazzjoni u s-saħħa tagħha għandu jseħħ qabel tmiem l-2012, waqt li l-bejgħ tal-ishma azzjonistiċi mhux strateġiċi jinsab għaddej. Sa fejn dawn il-ħtiġijiet ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti minn sorsi interni tal-grupp sal-aħħar ta' Ġunju 2012, il-CGD għandha tingħata appoġġ kapitali mill-gvern minn strutturi protettivi ta' flus li mhumiex parti mill-faċilità ta' appoġġ għas-solvenza bankarja;

(e) jottimizza l-proċess għall-irkupru tal-assi trasferiti mill-BPN għat-tliet vetturi bi skop speċjali li huma proprjetà tal-Istat permezz ta' outsourcing lil parti terza professjonali tal-amministrazzjoni tal-assi, b'mandat li gradwalment tirkupra l-assi maż-żmien. Il-gvern Portugiż għandu jagħżel il-parti li tamministra l-assi permezz ta' proċess kompetittiv ta' tender u jinkludi inċentivi xierqa biex jottimizza l-irkupri fil-mandat;

(f) ilesti proposta għall-inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-alternattivi ta' finanzjament għas-settur korporattiv sal-aħħar ta' Lulju 2012;

(g) jimplimenta miżuri biex jikkonkludi l-istabbiliment ta' Fond ta' Riżoluzzjoni bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkun kompletament operattiv sa Lulju 2012; jadotta l-avviżi superviżorji dwar il-pjanijiet ta' rkupru sal-aħħar ta' Lulju 2012 u jadotta r-regolament dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni sal-aħħar ta' Ottubru 2012; u jadotta r-regoli applikabli għall-istabbiliment u l-operat ta' banek tranżitorji f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni sal-aħħar ta' Settembru 2012. Għandha tingħata prijorità lir-reviżjoni tal-irkupru u l-pjanijiet sussegwenti ta' riżoluzzjoni tal-banek li huma ta' importanza sistemika;

(h) jistabbilixxi qafas għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex iwettqu ristrutturar tad-dejn barra mill-qorti għall-unitajiet domestiċi u l-SMEs.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. SHIARLY